# L-Istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Bormla

## *Storja, Konservazzjoni u Restawr*

Valentina Lupo B. Cons (Hons) & Dott.ssa Maria Grazia Zenzani
Atelier del Restauro Ltd

It-tim ta' Atelier del Restauro ġie kkummissjonat biex jirrestawra u jikkonserva l-istatwa titulari tal-Immakulata Kunċizzjoni misjuba fil-knisja Kolleġġjata f'Bormla ddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni. Il-proġett kellu l-għan li jikkonserva u jirkupra l-valur artistiku oriġinali tal-istatwa. Primarjament kien meħtieġ approċċ konservattiv sabiex tiġi indirizzata l-biċċa xogħol ta' arti mhux biss mill-għajn estetika imma l-ewwel u qabel kollox mill-materjali li minnu hi magħmula l-biċċa xogħol ta' arti. Matul il-proġett il-valuri storiċi, soċjali, reliġjużi u estetiċi, li huma sehem essenzjali tal-iskultura ttieħdu inkonsiderazzjoni.

### L-isfond storiku

Qabel il-knisja preżenti ddedikata lil Marija Immakulata Kunċizzjoni, kappella żgħira misjuba fuq l-għolja magħrufa bħala, *L-Għolja tal-Ġonna* serviet ta' Parroċċa f'Bormla. Il-kappella nbniet qabel l-Assedju l-Kbir tal-1565, imbagħad saret parroċċa fl-1586. Nhar is-6 ta' Diċembru 1581, f'din il-knisja twaqqfet il-konfraternità ddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni. Minħabba ż-żieda tal-parruċċani, il-knisja sarulha xi modifiki u estensjonijiet. Fl-1684, saru l-pjanijiet biex tinbena knisja ġdida fuq id-disinn ta' Vincenzo Casanova. Il-knisja l-ġdida ġiet imbagħad ikkonsagrata fl-1732 u ġiet mgħollija għall-istat ta' knisja kolleġġjata fl-1822

L-istatwa oriġinali tal-Immakulata Kunċizzjoni tnaqqxet fl-injam bejn wieħed u ieħor fl-1680 minn Swor Maria De Domenicis, Karmelitana Terzjarja u studenta ta' Mattia Preti, imbagħad aktar tard f'Ruma ta' Carlo Maratta. Huwa maħsub li naqqxet l-istatwa minn zokk ta' siġra tal-ħarrub mirakuluża li fuqu jintqal li dehret il-Madonna.

### L-intervent imwettaq fl-1905

Id-dehra preżenti ta' xi wħud mill-biċċiet ta' xogħol ta' arti hija differenti miż-żmien li fih saru, u għalhekk mhumiex dawk li l-artist kellu f'moħħu. F'ħafna mill-każijiet, lokalment, id-dehra estetika ta' skulturi tal-injam polikromu kienet tinbidel aktar tard liema bidla sikwit kienet issir aktar minn darba, speċjalment fil-każ ta' statwi titulari; tali rinnovazzjonijiet addattaw l-istatwa għall-gosti differenti tal-perjodi li ġew aktar tard.

Fl-1905 saru proposti għat-tiżjin tal-istatwa. Id-disinji tħejjew mill-Bormliż, Abram Gatt (1863 – 1944) għall-kisi tal-istatwa fil-fidda apparti r-ras, l-idejn, is-saqajn u s-serpent fil-bażi tal-istatwa. L-istatwa ntbagħtet għand id-ditta Milaniża, f'dak iż-żmien tant magħrufa, *Antonio Ghezzi & Figli* li wettqu l-alterazzjonijiet proposti. Il-kuntratt li sar









bejn il-kapitlu ta' Bormla u s-Sur Alfonso Barbara f'isem id-ditta, Ghezzi li jiddefinixxi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-proġett għadu jinstab qalb l-arkivji tal-kolleġġjata[1]. Il-kuntratt jistqarr li:

- *Id-ditta, Ghezzi għandha tiksi l-istatwa fil-fidda apparti r-ras, ix-xagħar u l-għonq, l-idejn, is-saqajn u s-serpent.*
- *Ir-ras, l-għonq u x-xagħar m'għandhomx jiġu alterati; għalkemm il-qagħda tar-ras kellha tkun immodifikata biex toqgħod għall-qagħda tal-ġisem il-ġdid propost.*
- *Is-serpent għandu jżomm ir-ras oriġinali, imma kellhom isiru xi modifiki fuq ġismu.*
- *Il-bqija tal-istatwa li tinkludi l-qamar felli fil-bażi tal-istatwa setgħet tiġi alterata kif mitlub mill-proposta.*
- *Il-fidda użata għall-kisi tal-istatwa għandu jkun ta' finezza milleżma ta' disa' mija, u l-viti kollha użati għandhom ukoll ikunu tal-fidda. Il-materjal kollu użat biex jgħaqqad il-kisi għandu jkun magħmul mill-fidda u l-ebda metall ieħor ma għandu jintuża.*
- *L-ispiża sħiħa tal-proġett m'għandhiex taqbeż il-mitejn u erbgħin lira sterlina, u t-total tal-piż tal-fidda użata għandha tkun bejn il-25 u t-30 kilo.*
- *Fl-aħħar, l-istatwa kellha titlesta u tinġieb lura sal-bidu ta' Mejju, u titwaħħal multa ta' ħamsin lira sterlina fil-każ li tasal tard.*

L-istatwa nġiebet lura minn Milan għall-knisja Kolleġġjata f'Bormla nhar it-8 ta' Ġunju 1905. Stħarriġ riċenti kkonkluda li tħalliet qalba moħwija taħt il-kisi tal-fidda miżjud fuq l-istatwa matul l-intervent tal-1905. Fih, ir-ras, l-idejn u l-bażi tal-istatwa oriġinali nqalgħu u ġew miżjuda fuq ġisem tal-fidda mibni ġdid. Flimkien maż-żidiet tal-fidda, saru alterazzjonijiet ċkejkna fuq il-wiċċ u l-idejn tal-istatwa. F'dan iż-żmien, l-istatwa nżebgħet ukoll mill-ġdid.

Wara l-wasla tagħha, l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni ġiet inawgurata fit-18 ta' Ġunju 1905. Taħt id-direzzjoni tal-Monsinjur Salvatore Grech, ċelebrazzjonijiet kbar wasslu biex l-istatwa tinġarr lejn il-knisja kolleġġjata mill-knisja ddedikata lil Santa Margerita.

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, kien deċiż li l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni flimkien mal-kwadru titulari u xogħlijiet ta' arti oħra ta' valur jittieħdu lejn Birkirkara sabiex jitħarsu mill-attakki tal-ajru kostanti mġarrba mill-Belt Cospicua. Kien iddikjarat li jekk il-knisja parrokkjali u l-oratorju ta' Bormla jinħelsu mill-qerda matul il-gwerra, kellu jsir pellegrinaġġ sabiex l-istatwa u l-kwadru titulari jinġiebu lura lejn Bormla. U hekk seħħ ġaladarba l-knisja parrokkjali tal-Immakulata Kunċizzjoni kienet għadha wieqfa wara l-gwerra, nhar id-19 ta' Novembru 1944, iż-żewġ xogħlijiet ta' arti nġiebu lura lejn il-Belt Cospicua segwiti minn folol ta' devoti. Il-pellegrinaġġ għadda minn Birkirkara, mill-Ħamrun, mill-Blata l-Bajda, u minn Raħal Ġdid sa ma wasal lura lejn Bormla.

## Interventi oħra

L-interventi l-oħra mwettqa fuq l-istess statwa kienu ta' natura estetika, jiġifieri ż-żebgħa mill-ġdid tal-wiċċ, ix-xagħar, l-idejn, u s-saqajn flimkien mas-serpent li jinsab fuq il-bażi tal-istatwa. Dan l-intervent twettaq mill-Artist, Michael Camilleri Cauchi fis-sena 1986.

Intervent ieħor aktar riċenti twettaq fis-sena 2005 mill-artist mibki, Renzo Gauci li kien jinvolvi l-irtukkjar tal-idejn biex jaħbi l-brix ikkawżat mill-ġojjellerija.

### L-istat ta' konservazzjoni

Ġaladarba l-ebda intervent ta' restawr ma jista' jreġġa' l-istatwa għall-istat oriġinal tagħha (is-seklu 17), l-għan tal-proġett kien li jitneħħew is-saffi taż-żebgħa fuq żebgħa mill-wiċċ, ix-xagħar, l-idejn, u s-saqajn sabiex naslu għas-saff taż-żebgħa oriġinali applikat fl-1905 meta l-istatwa ġiet iddisinjata mill-ġdid minn Abram Gatt u l-kisi tal-fidda maħdum b'mod tal-għaġeb f'Milan minn Antonio Ghezzi & Figlio.

### Il-wiċċ, l-għonq u x-xagħar

Matul id-dokumentazzjoni tal-bidu li sar waqt l-ispezzjoni tal-istatwa, kienu nnutati żewġ qasmiet irqaq fis-saff taż-żebgħa; waħda fuq ġbin il-Verġni, u oħra fuq il-parti aktar baxxa tal-għonq fuq in-naħa ta' quddiem tal-istatwa. Kien hemm ukoll preżenti taqtir ta' verniċ fuq bażi ta' reżina fuq l-għajn u l-ħadd il-leminin. Dawn issaddu biż-żmien, u ġaladarba kien hemm ħażna ta' verniċ, it-taqtir tal-verniċ deher bħala tbajja' kannella skuri.

Waqt li l-istatwa kienet osservata kien ċar għall-aħħar li x-xagħar kienet inżebgħet fuq li nżebgħet drastikament f'intervent preċedenti. Inżebgħet b'kulur kannella skur matt li ma jżid xejn mal-kwalitajiet estetiċi tal-istatwa. Barra minn hekk, il-kisja applikata tal-verniċ ma baqatx omoġenja.

### L-idejn, is-saqajn u s-serpent

B'mod xebbiehi għall-wiċċ u x-xahar, l-idejn, is-saqajn u s-serpent kienu nżebgħu fuq li nżebgħu wisq. Ġie osservat li għadd ta' brix fuq is-saffi taż-żebgħa u l-verniċ kienu preżenti fuq is-swaba' u madwar il-polzi. Dan il-brix jikkorrispondi għal dawk id-drabi meta l-istatwa tiżżejjen b'għadd ta' ġojjellerija matul il-festa tal-parroċċa. Ħsarat oħra li ġew osservati kellhom x'jaqsmu mal-użu tal-ġojjellerija fuq l-iskultura, grif profond fuq il-kulur u stakkamenti. Dawn l-aħħar fażijiet urew il-kundizzjoni tal-iskultura qabel ma reġgħet inżebgħet fis-snin disgħin. Il-brix tas-saff taż-żebgħa kif ukoll in-nuqqasijiet, l-istakkamenti u l-qsim tas-saff taż-żebgħa kienu preżenti. In-nuqqasijiet tal-kisja taż-żebgħa kixfu s-saffi taż-żebgħa ta' taħt.

Barra minn hekk, saff ta' trab superfiċjali u inkorporat instab fuq il-wiċċ tal-idejn. Dan mhux biss idallam id-dehra tal-istatwa, imma saħansitra jattira l-indewwa[2] lejn il-wiċċ tal-istatwa minħabba l-proprjetajiet idroskopiċi tagħha. Barra minn dan, it-trab u d-debris superfiċjali jservu bħala nutrijenti għat-tkabbir bijoloġiku bħall-moffa.

### L-analiżi xjentifika

L-għan tal-proġett kien li titnaddaf l-istatwa mill-għadd ta' żebgħa żejda u li jinkixef il-polikromu applikat meta l-istatwa ġiet rinnovata minn Abram Gatt u d-ditta, Ghezzi fl-1905. Iż-żebgħa fuq żebgħa biddlet id-dehra tal-istatwa b'mod sinifikattiv, għalhekk il-miri ewlenin tat-trattament kienu li tinkiseb l-apparenza tal-wiċċ li tirrifletti d-dehra oriġinali tal-iskultura fl-1905 u li jkun ippriservat il-materjal oriġinali bl-aktar mod possibbli. Sabiex ikunu identifikati t-tiswira u n-numru ta' żebgħa fuq żebgħa preżenti li jinkludu t-tiswira kimika ta' kull waħda, u biex jgħinna nsibu mod sigur biex inneħħu



s-saffi miżjuda, kellha ssir analiżi xjentifika. Ittieħdu tliet kampjuni ta' stratigrafija taż-żebgħa mill-wiċċ, l-idejn u s-saqajn rispettivament. Il-kampjuni ġew analizzati f'laboratorju xjentifiku f'Firenze bejn Ġunju u Lulju 2018 permezz tas-SEM-EDX (Scanning Electron Microscope with Energy Dispersive X-Ray Analyzer). Ir-riżultati wrew li madwar l-idejn u s-saqajn hemm preżenti polikromu bikri tas-seklu 20 taħt żewġ saffi miż-żebgħa miżjuda. Is-sitwazzjoni fuq il-wiċċ kienet iktar kumplessa għaliex apparti minn żewġ saffi ta' żebgħa miżjuda, saff oħxon b'passata ta' materjal bajdani sintetiku u sod (wisq probabbli applikat fl-intervent tad-disgħinijiet) kien ukoll identifikat. Dawn ir-riżultati indikaw id-direzzjonijiet ta' kif ix-xogħol kellu jsegwi fit-trattament tal-uċuħ miżbugħa. Għadd ta' testijiet ta' tindif segwew l-iżvilupp ta' sistema ta' tindif. Għaldaqstant, l-uċuħ kellhom jitnaddfu m'mod selettiv, u fost il-proċeduri kollha, it-tneħħija tas-saff tal-passata żebgħa ta' taħt mill-wiċċ mingħajr ma ssir ħsara fuq il-wiċċ miżbugħ kienet l-iktar biċċa xogħol esiġenti.

Madankollu, qabel l-intervent ta' tindif, bħala l-ewwel pass sar it-tagħqid tal-istakkamenti. Saru għadd ta' testijiet li jippermettu t-trattib proprju tal-iskali ħoxnin tat-tqaxxir taż-żebgħa fir-riskju milli jinqasmu għalkollox. It-trattament kompla bl-użu ta' mikroemulsjoni *conservation standard* inġettata b'mod lokalizzat permezz ta' siringi tal-insulina taħt iż-żebgħa li kienet qiegħda titqaxxar. Dan ippermetta t-tħejjija biex irattab u jgħaqqad b'mod sew mingħajr ir-riskju ta' qsim. It-twittija u t-tagħqid tal-istakkamenti twettaq bl-użu ta' spatula żgħira msaħħna.

l-operazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-fażi tat-tindif kienu kumplessi u impenjattivi. Iż-żebgħa użata waqt l-interventi fl-imgħoddi wassal għal trattament ta' tindif ikkumplikat. Iż-żebgħa fuq żebgħa ħoxna u ż-żidiet tal-ġibs tneħħew b'mod mekkaniku permezz ta' xfafar żgħar. Il-ħażna ta' kisi oħxon li jinkludi saffi mdakkra

bi trab u ħmieġ tneħħew manwalment bl-użu ta' xfafar tal-iskarpell. It-tneħħija totali taż-żebgħa żejda u tas-saffi tal-istokk minn restawr fil-passat kixef il-limitu tal-ħsara fuq il-wiċċ (wisq probabbli) ikkawżat fit-tmeninijiet meta l-istatwa waqt il-purċissjoni laqtet aċċidentalment wajer li kien fil-baxx u dan għamel ħsara severa fuq il-kpiepel tal-għajnejn. Materjal sintetiku blu ċar instab li kien qiegħed jimla' l-ħsarat li ġraw fuq il-wiċċ. Dan il-materjal sintetiku tneħħa għalkollox permezz ta' xfafar. Intgħażlu sistemi differenti ta' solventi u deterġenti biex irattbu l-wiċċ taż-żebgħa żejda. Il-fdalijiet taż-żebgħa żejda tneħħew permezz ta' skarpell u solvent.

- Wara t-tneħħija taż-żieda tal-istokk li kien sar fil-frammenti tad-disgħinijiet tal-polikromu oriġinali tas-seklu 17 deher fil-quċċata tal-korrezzjonijiet permezz ta' ġibs mal-widnejn, mal-lobi nażali, taħt l-għajn il-leminija u l-għonq biex il-wiċċ ikun kemxejn inklinat lejn in-naħa tax-xellug. Dawn il-korrezzjonijiet tal-wiċċ ipotetikament twettqu minn Abram Gatt fl-irrinnovazzjoni tal-1905 u dan ikkonferma li ras l-istatwa jappartjeni lill-istatwa preċedenti tas-seklu 17.
- L-analiżi xjentifika tas-saqajn u l-idejn indikaw li jmorru lura għall-istatwa oriġinali tas-seklu 17 minħabba li nstabu traċċi tal-polikromu tas-seklu 17.
- Ras is-serpent hija l-oriġinali tal-istatwa tas-seklu 17, madankollu sarulu bidliet fil-widnejn; l-analiżi indikat li d-denb inbidel għalkollox fl-irrinnovazzjoni tas-seklu 20. It-tneħħija taż-żebgħa żejda ħoxna u ħadra minn fuq is-serpent kixfet tliet tonijiet differenti ta' aħdar li jinkludu x-xagħar fin ta' xfar l-għajnejn impinġija madwar l-għajnejn, dettall li nħeba kompletament minħabba restawr fl-imgħoddi.
- Bit-tneħħija taż-żebgħa fuq żebgħa mix-xagħar, l-uċuħ urew brix li x'aktarx huwa minħabba intervent ta' tindif eċċessiv li sar fil-passat. It-tneħħija sħiħa taż-żebgħa żejda u ħoxna tax-xagħar kixfet xagħar ħamrani fil-kannella skur.
- It-trattamenti ssoktaw permezz tal-mili fl-ammont kbir ta' qsim u lakuni kapillari. Mili flessibbli bbażat fuq il-ġibs u mħallat b'persentaġġ speċifiku ta' kolla li tissiġilla bis-sħana tfassal mit-tim wara għadd ta' testijiet sabiex tkun possibbli l-elastiċità tal-mili meta jkun hemm ċaqliċ fis-sapport tal-injam. Il-mili twitta fuq il-wiċċ pittoresk permezz ta' xfafar irqaq miblula f'solvent ibbażat fuq *hydrocarbon*.

Ir-riintegrazzjoni pittorika twettqet biss fuq il-brix u l-lakuni biex treġġa' l-integrità kromatika tal-polikromija permezz kuluri tat-tempra bl-użu tat-teknika mimetika. Ġew imbagħad użati varnish colours b'velaturi irqaq biex jiġi rraffinat l-irtokk. Fl-aħħar, l-istatwa ngħatat verniċ satinat magħmul minn reżina sintetika b'reżistenza qawwija għaż-żmien u t-temperaturi għoljin inkluż filter għal raġġi ultravjola.

## Konklużjoni

Sa mill-bidu nett ta' dan il-proġett aħna konna konxji mill-konnessjoni u d-devozzjoni li n-nies ta' Bormla għandhom lejn ix-xbieha qaddisa tal-Immakulata Kunċizzjoni. Matul il-proġett aħna xtaqna li ninvolvu lill-parruċċani u lil kull min hu interessat fl-istatwa kemm jista' jkun possibbli. Aħna, qabelxejn, ridna nedukaw lill-pubbliku dwar l-importanza tal-konservazzjoni professjonali fuq tali xogħlijiet kif ukoll xtaqna li n-nies ikunu infurmati dwar is-sejbiet u t-trattamenti fuq l-istatwa. Għalhekk, ħeġġiġna lill-parroċċa torganizza tmiem il-ġimgħa li jkun miftuħ għan-nies li sar nhar l-4 u l-5





ta' Awwissu, 2018 fejn in-nies kellhom l-opportunità jaraw l-istatwa fid-dettall matul il-proċess ta' konservazzjoni u jistaqsu lit-tim tagħna. L-avveniment kien suċċess; konna misbuqa bil-mijiet ta' viżitaturi, l-interess muri f'xogħolna u b'mod speċjali r-rabta li l-istatwa għandha mal-Bormliżi, xhieda tal-imgħoddi tagħhom u ta' missirijiethom.

Aħna kburin li ħdimna bi prudenza u rispett fuq dan it-teżor nazzjonali; sodisfatti li kkonservajna u raddejna l-istatwa għal perjodu storiku wieħed għall-ġenerazzjonijiet ta' issa u tal-ġejjieni biex igawdu u jgħixu mill-ġdid.

Il-materjali kollha użati fil-konservazzjoni u r-restawr tal-istatwa għandhom karatteristika komuni ta' riversibbiltà. Il-proġett twettaq skont il-prinċipji etiċi għall-protezzjoni u l-preservazzjoni ta' biċċa xogħol ta' arti billi ġew segwiti l-kodiċi tal-etika tal-Konfederazzjoni Ewropea tal-Konservaturi-Restawraturi (E.C.C.O).







**Referenzi**

[1] *L-Istatwa tal-Kunċizzjoni wara l-1905 - xogħol artistiku fil-fidda fuq disinn u mudell tal-Artist Abram Gatt*, Rev. Kan. Joseph Bonello f'*Mitt sena inkurunata f'qalbna, programm tal-festa speċjali f'għeluq il-mitt sena tal-Inkurunazzjoni ta' Marija Immakulata meqjuma fis-Santwarju ġewwa l-Belt ta' Bormla*, Ġunju 2005.

[2] IN. moisture